# Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini

(2009/C 276/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-*data* personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali *data*,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data*, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini [1]. F'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD jippreżenta din l-opinjoni.

2. Qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod informali mal-KEPD dwarha, b'ittra tad-19 ta' Mejju 2009. Il-KEPD wieġeb għal din il-konsultazzjoni fl-20 ta' Mejju 2009 billi bagħat kummenti informali bl-intenzjoni li jkomplu jtejbu t-test tal-Komunikazzjoni. Barra minn hekk, il-KEPD ikkontribwixxa attivament għall-ittra tal-14 ta' Jannar 2009 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja dwar il-Programm Multiannwali fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [2].

3. Il-Komunikazzjoni (paragrafu 1) tenfasizza li l-Unjoni "għandu jkollha programm multiannwali ġdid li, billi jieħu spunt mill-progressi li saru u jiġbed il-lezzjonijiet mid-dgħjufijiet attwali, jagħmel pjanijiet ambizzjużi għall-ġejjieni. Dan il-programm ġdid għandu jiddefinixxi prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin." Dan il-programm multiannwali (diġà magħruf bħala l-"Programm ta' Stokkolma") ser ikun is-segwitu tal-Programmi ta' Tampere u tal-Aja li jagħtu impetu politiku qawwi għaż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

4. Il-Komunikazzjoni hija maħsuba bħala l-bażi ta' dan il-programm multiannwali ġdid. Il-KEPD jinnota f'dan il-kuntest li, minkejja li l-programmi multiannwali mhumiex fihom infushom strumenti vinkolanti, huma għandhom impatt konsiderevoli fuq il-politika li l-istituzzjonijiet ser jiżviluppaw fil-qasam ikkonċernat, peress li bosta azzjonijiet leġislattivi u non leġislattivi ser jirriżultaw mill-programm.

5. Il-Komunikazzjoni nnifisha għandha titqies f'din il-perspettiva. Huwa l-pass li jmiss f'dibattitu li bejn wieħed u ieħor beda b'żewġ rapporti ppreżentanti f'Ġunju 2008 tal-hekk imsejħin "Gruppi dwar il-Futur" stabbiliti mill-Presidenza tal-Kunsill biex jipprovdu ideat: "Libertà, Sigurtà, Privatezza - L-Affarijiet Interni Ewropej f'dinja miftuħa" [3] u "Soluzzjonijiet Proposti għall-Programm Futur tal-Ġustizzja tal-UE" [4].

## II. KONTENUT EWLIENI TAL-OPINJONI

6. Din l-opinjoni mhux biss tipprovdi reazzjoni għall-Komunikazzjoni, iżda hija wkoll kontribut tal-KEPD għad-dibattitu aktar ġenerali dwar il-ġejjieni taż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li għandu jirriżulta fi programm ta' ħidma strateġiku ġdid (il-programm ta' Stokkolma) kif imħabbar mill-Presidenza Svediża tal-UE [5]. Din l-opinjoni ser tittratta wkoll xi konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ possibbli tat-Trattat ta' Lisbona.

7. Wara speċifikazzjoni tal-perspettivi prinċipali tal-opinjoni fil-Parti III, fil-Parti IV ser tingħata valutazzjoni ġenerali tal-Komunikazzjoni.

8. Il-Parti V tittratta l-kwistjoni dwar kif tiġi sodisfatta l-ħtieġa għal rispett kontinwu tal-protezzjoni tal-privatezza u d-*data* personali f'kuntest ta' skambji dejjem aktar frekwenti ta' *data* personali. Il-konċentrazzjoni ser tkun fuq il-paragrafu 2.3 tal-Komunikazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* Personali u l-Privatezza, u b'mod aktar ġenerali l-ħtiġiet għal azzjonijiet leġislattivi u non leġislattivi ulterjuri biex jittejjeb il-qafas għall-protezzjoni tad-*data*.

[1] COM(2009) 262 finali ("il-Komunikazzjoni").

[2] Għadha ma ġietx ippubblikata. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja (WPPJ) kien stabbilit mill-Konferenza Ewropea tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-*Data* biex iħejji l-pożizzjonijiet tagħha fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, u biex jaġixxi f'isimha fi kwistjonijiet urġenti.

[3] Dokument tal-Kunsill nru 11657/08. Minn issa 'l quddiem "ir-Rapport dwar l-Affarijiet Interni".

[4] Dokument tal-Kunsill Nru 11549/08 ("ir-Rapport tal-Ġustizzja").

[5] Il-Programm ta' Ħidma tal-Gvernijiet tal-UE, http://www.regeringen.se

9. Il-Parti VI tiddiskuti l-ħtiġiet u l-possibbiltajiet għall-ħżin, l-aċċess u l-iskambju ta' informazzjoni bħala strumenti għall-infurzar tal-liġi, jew skont il-Komunikazzjoni, għal "Ewropa li tipproteġi". Il-paragrafu 4 tal-Komunikazzjoni fih għadd ta' objettivi dwar il-fluss ta' għodod ta' informazzjoni u tat-teknoloġija, b'mod partikolari l-paragrafi 4.1.2 (Kontroll tal-informazzjoni), 4.1.3 (Mobilizzazzjoni tal-għodod teknoloġiċi meħtieġa) u 4.2.3.2 (Sistemi tal-Informazzjoni). L-iżvilupp ta' mudell Ewropew ta' informazzjoni (fil-paragrafu 4.1.2) jista' jitqies bħala l-aktar proposta diffiċli f'dan il-kuntest. L-opinjoni tal-KEPD tanalizza din il-proposta fil-fond.

10. Il-Parti VII tmiss fil-qasir suġġett speċifiku fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja b'relevanza għall-protezzjoni tad-*data*, partikolarment l-aċċess għall-ġustizzja u l-ġustizzja elettronika.

## III. PERSPETTIVI TAL-OPINJONI

11. Din l-opinjoni ser tuża l-ħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala l-angolu prinċipali għall-analiżi tal-Komunikazzjoni u b'mod aktar ġenerali għall-ġejjieni taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, kif imfassla mill-proramm multiannwali l-ġdid. Barra minn hekk ser tibni fuq il-kontibuti tal-KEPD għall-iżvilupp tal-politika tal-UE f'dan il-qasam, partikolarment ir-rwol konsultattiv tagħha. S'issa l-KEPD adotta aktar minn tletin opinjoni u kummenti dwar inizjattivi li jirriżultaw mill-Programm tal-Aja li kollha jistgħu jinstabu fis-sit elettroniku tal-KEPD.

12. Fil-valutazzjoni tiegħu tal-Komunikazzjoni, il-KEPD ser jieħu kont b'mod partikolari tal-erba' perspettivi li ġejjin li huma rilevanti għall-ġejjieni taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Dawn il-perspettivi kollha għandhom rwol prinċipali fil-Komunikazzjoni wkoll.

13. L-ewwel perspettiva hija ż-żieda esponenzjali tal-informazzjoni diġitali dwar iċ-ċittadini bħala riżultat tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni li qed jevolvu ([6]). Is-soċjetà tinsab mixja lejn dik li spiss tissejjaħ "soċjetà ta' sorveljanza" li fiha kull transizzjoni u kważi kull mossa taċ-ċittadini probabbilment toħloq reġistrazzjoni diġitali. L-hekk imsejħin "internet tal-affarijiet" u "intelliġenza ambjentali" diġà qegħdin jiżviluppaw rapidament permezz tal-użu tat-tags RFID. Qegħdin jintużaw dejjem aktar il-karatteristiċi diġitalizzati tal-ġisem umani (bijometrija). Dan iwassal għal dinja dejjem aktar konnessa li fiha l-organizzazzjonijiet tas-sigurtà pubblika jkollhom aċċess għal ammont kbir ta' informazzjoni potenzjalment utli, li tista' taffettwa direttament il-ħajja tal-persuni kkonċernati.

14. It-tieni perspettiva hija l-internazzjonalizzazzjoni. Min-naħa l-waħda, fl-era diġitali l-iskambju tad-*data* mhux marbut mill-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li min-naħa l-oħra hemm ħtieġa dejjem akbar ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-firxa sħiħa ta' attivitajiet tal-UE fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja: il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, il-ġustizzja ċivili u l-kontroll tal-fruntieri huma biss xi eżempji.

15. It-tielet perspettiva hija l-użu tad-*data* għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi: theddid riċenti għas-soċjetà, kemm jekk relatat mat-terroriżmu kif ukoll jekk le, wassal għal (talbiet għal) aktar possibbiltajiet biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiġbru, jaħżnu u jiskambjaw *data* personali. F'bosta każijiet, il-parijiet privati huma involuti direttament, kif jidher fost l-oħrajn bid-Direttiva dwar iż-żamma tad-*data* ([7]) u d-diversi strumenti relatati mal-PNR ([8]).

16. Ir-raba' perspettiva hija l-moviment liberu. L-iżvilupp gradwali ta' Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jirrikjedi li l-fruntieri interni u l-ostakoli possibbli għall-moviment liberu fiż-żona jitkomplew jitneħħew. Fi kwalunkwe każ strumenti ġodda f'din iż-żona m'għandhomx jerġgħu joħolqu ostakoli. Il-moviment liberu jinkludi, f'dan il-kuntest, min-naħa l-waħda l-moviment liberu tal-persuni, u min-naħa l-oħra, il-moviment liberu tad-*data* (personali).

17. Dawn l-erba' perspettivi juru li l-kuntest li fih tintuża l-informazzjoni qiegħed jinbidel rapidament. F'dan il-kuntest ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar l-importanza ta' mekkaniżmu b'saħħtu għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, u b'mod partikolari l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-KEPD jagħżel il-ħtieġa għall-protezzjoni bħala l-angolu prinċipali għall-analiżi tiegħu, kif isemmi fil-punt 11.

([6]) Ir-Rapport dwar l-Affarijiet Interni f'dan il-kuntest jirreferi saħansitra għal "tsunami diġitali".

([7]) Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' *data* ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

([8]) Ara per eżempju l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (DHS) (2007 Ftehim dwar il-PNR), ĠU L 204, 4.8.2007, p. 18 u l-Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, COM(2007) 654 finali.

## IV. **VALUTAZZJONI ĠENERALI**

18. Il-Komunikazzjoni u l-Programm ta' Stokkolma għandhom l-għan li jispeċifikaw l-intenzjonijiet fl-UE għall-ħames snin li ġejjin, u jaf ikollhom effetti anke aktar fit-tul. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni hija miktuba b'mod hekk imsejjaħ "indipendenti minn Lisbona". Il-KEPD jifhem perfettament għaliex il-Kummissjoni ħadet dan l-approċċ, iżda jiddispjaċih ukoll mill-fatt li l-Komunikazzjoni ma setgħetx tieħu vantaġġ sħiħ mill-possibbiltajiet addizzjonali offruti mit-Trattat ta' Lisbona. Il-perspettiva tat-Trattat ta' Lisbona ser tingħata aktar enfasi f'din l-opinjoni.

19. Il-Komunikazzjoni tibni fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet tal-UE fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fis-snin riċenti. Dawk ir-riżultati jistgħu jkunu kkaratterizzati bħala li jiddependu mill-avvenimenti, b'enfasi fuq il-miżuri li jestendu s-setgħat tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u li huma ta' ndħil għaċ-ċittadin. Dan huwa ċertament il-każ fl-oqsma fejn id-*data* personali tintuża u tkun skambjata intensivament u li għalhekk huma kruċjali għall-protezzjoni tad-*data*. Ir-riżultati jiddependu mill-avvenimenti peress li avvenimenti esterni, bħall-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 u l-bombi ta' Madrid u Londra, taw impetu qawwi għall-attivitajiet leġislattivi. Per eżempju, it-trasferiment tad-*data* tal-passiġġieri lejn l-Istati Uniti jista' jitqies bħala l-konsegwenza tal-avvenimenti tal-11 ta' Settembru 2001 ([9]), filwaqt li l-attakki bil-bombi ta' Londra wasslu għad-Direttiva 2006/24/KE dwar iż-żamma tad-*data* ([10]). L-enfasi kienet fuq miżuri aktar ta' "indħil", peress li l-leġislatur tal-UE ffoka fuq miżuri li jiffaċilitaw l-użu u l-iskambju tad-*data* filwaqt li miżuri li jimmiraw għall-garanzija tal-protezzjoni tad-*data* personali kienu diskussi b'anqas urġenza. Il-miżura protettiva prinċipali li kienet adottata hija d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ([11]), wara diskussjonijiet ta' tliet snin fil-Kunsill. Ir-riżultat kien Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill li mhux kompletament sodisfaċenti (ara l-punti 29-30).

20. L-esperjenza fis-snin riċenti wriet li hemm ħtieġa għal riflessjoni dwar il-konsegwenzi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għaċ-ċittadini Ewropej qabel ma jiġu adottati strumenti ġodda. Din ir-riflessjoni għandha tieħu kont debitu tal-ispejjeż għall-privatezza u tal-effettività għall-infurzar tal-liġi, l-ewwel meta l-istrumenti ġodda jiġu proposti u diskussi, iżda anke wara li dawk l-istrumenti jkunu ġew implimentati, permezz ta' reviżjonijiet perjodiċi. Tali riflessjoni hija essenzjali wkoll qabel ma' programm multiannwali ġdid għandu jistabbilixxi inizjattivi prinċipali għall-ġejjieni qarib.

21. Il-KEPD huwa kuntent li l-Komunikazzjoni tirrikonoxxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data* personali, bħala waħda mill-kwistjonijiet prinċipali tal-ġejjieni taż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-paragrafu 2 tal-Komunikazzjoni jikkwalifika lill-UE bħala l-unika żona għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bbażati fuq valuri komuni. Huwa pożittiv ukoll li l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tissemma bħala kwistjoni prijoritarja - saħansitra l-ewwel kwistjoni ta' prijorità fil-Komunikazzjoni. L-adeżjoni hija pass 'il quddiem importanti fl-iżgurar ta' sistema armonjuża u koerenti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-aħħar iżda mhux l-anqas, il-protezzjoni tad-*data* ngħatat post prominenti fil-Komunikazzjoni.

22. Il-fokus tal-Komunikazzjoni juri intenzjoni qawwija li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin u – permezz ta' dan – li jittieħed approċċ aktar bilanċjat. Il-gvernijiet jeħtieġu strumenti adegwati biex jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadin, iżda fis-soċjetà Ewropea tagħna huma għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Biex isservi ċ-ċittadini ([12]), jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea żżomm dan il-bilanċ.

23. Fil-fehma tal-KEPD, il-Komunikazzjoni tqis sew il-ħtieġa għal dan il-bilanċ, inkluż il-ħtieġa għall-protezzjoni tad-*data* personali. Hija tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' bidla fl-enfasi. Dan huwa importanti peress li l-linji ta' politika fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja m'għandhomx irawmu l-mixja gradwali lejn soċjetà ta' sorveljanza. Il-KEPD jistenna li l-Kunsill jieħu l-istess approċċ fil-Programm ta' Stokkolma, anke billi jirrikonoxxi l-orjentazzjonijiet fil-punt 25 aktar 'il quddiem.

24. Dan huwa saħansitra aktar importanti peress li ż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija żona li "tirregola ċ-ċirkostanzi tal-ħajja taċ-ċittadini, partikolarment l-isfera privata tar-responsabbiltà u tas-sigurtà politika u soċjali, li hija protetta mid-drittijiet fundamentali", (traduzzjoni mhux uffiċjali), kif kien enfasizzat dan l-aħħar mill-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fis-Sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2009 dwar it-Trattat ta' Lisbona ([13]).

---

([9]) Il-Ftehim tal-2007 dwar il-PNR imsemmi fin-nota preċedenti ta' qiegħ il-paġna u l-predeċissuri tiegħu.

([10]) Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' *data* ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54. Minkejja li l-bażi legali hija l-Artikolu 95 KE, din kienet reazzjoni immedjata għall-attakki ta' Londra.

([11]) Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

([12]) Ara t-titolu tal-Komunikazzjoni.

([13]) Stqarrija għall-Istampa nru 72/2009 tat-30 ta' Ġunju 2009 tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-Ġermanja, paragrafu 2c).

25. Il-KEPD jissottolinja l-fatt li f'tali żona:

— l-informazzjoni għandha tkun skambjata bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, inkluż, fejn rilevanti, korpi u bażijiet tad-*data* Ewropej, abbażi ta' mekkaniżmi adegwati u effettivi li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin u li jiżguraw il-fiduċja reċiproka,

— dan jirrikejdi mhux biss id-disponibbiltà tal-informazzjoni, flimkien ma' rikonoxximent reċiproku tas-sistemi legali tal-Istati Membri (u tal-UE), iżda anke armonizzazzjoni tal-livelli ta' protezzjoni tal-informazzjoni, per eżempju, iżda mhux biss, permezz ta' qafas komuni ta' protezzjoni tad-data,

— dawn l-istandards komuni m'għandhomx ikunu applikabbli biss għal sitwazzjonijiet b'dimensjonijiet transkonfini. Il-fiduċja reċiproka tista' teżisti biss meta l-istandards ikunu solidi, u jkunu dejjem irrispettati, mingħajr ir-riskju li ma jibqgħux japplikaw ladarba d-dimensjoni transkonfini ma tkunx, jew ma tibqax, evidenti. Minbarra dan, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-informazzjoni, id-differenzi bejn *data* "interna" u "transkonfini" ma jistgħux jirnexxu fil-prattika [14].

## V. STRUMENTI GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

### V.1. Lejn skema komprensiva tal-protezzjoni tad-data

26. Il-KEPD japprova l-approċċ strateġiku li l-protezzjoni tad-*data* tingħata post prominenti fil-Komunikazzjoni. Fil-fatt, bosa inizjattivi fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jibbażaw fuq l-użu tad-*data* personali, u protezzjoni tajba tad-*data* hija kruċjali għas-suċċess tagħhom. Ir-rispett tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* mhix biss obbligu legali b'rikonoxximent dejjem akbar fil-livell tal-UE, iżda hija wkoll kwistjoni li hija kruċjali għaċ-ċittadini Ewropej, kif jidher mir-riżultati tal-Ewrobarometru [15]. Barra minn hekk ir-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali hija wkoll kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

27. Il-paragrafu 2.3 tal-Komunikazzjoni jiddikjara li hija meħtieġa skema komprensiva tal-protezzjoni tad-*data* li tkopri l-oqsma kollha tal-kompetenza tal-UE [16]. Il-KEPD jappoġġa bis-sħiħ dan l-objettiv, indipendentement mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Huwa jinnota wkoll li tali skema mhux bilfors tfisser qafas legali wieħed li japplika għall-ipproċessar kollu. F'konformità mat-Trattati fis-seħħ, il-possibbiltajiet li jiġi adottat qafas legali wieħed komprensiv li japplika għall-ipproċessar kollu huma limitati minħabba l-istruttura ta' pilastri u minħabba l-fatt li – mill-anqas fl-ewwel pilastru – il-protezzjoni tad-*data* proċessata mill-istituzzjonijiet Ewropej issir fuq bażi legali separata (Artikolu 286KE). Madankollu l-KEPD jinnota li xi titjib jista' jkun implimentat bl-użu sħiħ tal-possibbiltajiet offruti mit-Trattati fis-seħħ, kif evidenzjat diġà mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "L-implimentazzjoni tal-Programm tal-Aja – It-triq 'il quddiem" [17]. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Artikolu 16 tat-TFUE jipprevedi l-bażi legali meħtieġa għal qafas legali wieħed komprensiv li japplika għall-ipproċessar kollu.

28. Il-KEPD jinnota li fi kwalunkwe każ huwa kruċjali li tiġi żgurata l-konsistenza fil-qafas legali għall-protezzjoni tad-*data*, fejn meħtieġ permezz tal-armonizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tad-diversi strumenti legali applikabbli fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

*F'konformità mat-Trattati fis-seħħ*

29. L-ewwel pass kien meħud dan l-aħħar permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI [18]. Madankollu, dan l-istrument legali ma jistax jiġi kkwalifikat bħala qafas komprensiv, partikolarment peress li d-dispożizzjonijiet tiegħu m'għandhomx applikazzjoni ġenerali. Huma ma japplikawx għal sitwazzjonijiet interni, meta d-*data* personali toriġina mill-Istat Membru li jużaha. Tali limitazzjoni tnaqqas il-valur miżjud tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, dment li l-Istati Membri kollha ma jiddeċidux li jinkludu s-sitwazzjonijiet interni fil-leġislazzjoni nazzjonali, li ma jidhirx probabbli.

30. It-tieni raġuni għaliex il-KEPD iqis li fil-perijodu fit-tul id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ma fihiex qafas tal-protezzjoni tad-*data* sodisfaċenti f'Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, hija li diversi dispożizzjonijiet essenzjali mhumiex konformi mad-Direttiva 95/46/KE. Skont it-Trattati fis-seħħ, it-tieni pass jista' jkun stabbilit billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni u billi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tiġi allinjata mad-Direttiva 95/46/KE.

31. Impetu ieħor għat-twettiq ta' skema komprensiva tal-protezzjoni tad-*data* jista' jingħata billi tiġi stabbilita viżjoni ċara u fit-tul. Din il-viżjoni tista' tinkludi approċċ globali u koerenti għad-definizzjoni tal-ġbir u l-iskambji tad-data – kif ukoll l-użu ta' bażijiet tad-*data* eżistenti – u fl-istess ħin il-garanziji tal-protezzjoni tad-*data*. Din il-viżjoni għandha

(14) Il-KEPD elabora dan l-aħħar punt fl-Opinjoni tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2005 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' *data* personali fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-korpi ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali (COM(2005) 475 finali), ĠU C 47, 25.2.2006, p. 27, paragrafi 30-32.

(15) Protezzjoni tad-*Data* fl-Unjoni Ewropea – Perċezzjonijiet taċ-Ċittadini – Rapport Analitiku, Serje Flash 225 tal-Ewrobarometru, Jannar 2008, http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_225_en.pdf

(16) Ara wkoll il-kwistjonijiet ta' prijorità tal-Komunikazzjoni.

(17) (COM(2006) 331 finali, 28 ta' Ġunju 2006.

(18) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 11.

tevita sovrappożizzjoni u duplikazzjoni inutli tal-istrumenti (u b'hekk, tal-ipproċessar tad-*data* personali). Hija għandha trawwem ukoll il-konsistenza tal-linji ta' politika tal-UE f'dan il-qasam kif ukoll il-fiduċja dwar kif l-awtoritajiet pubbliċi jittrattaw id-*data* dwar iċ-ċittadini. Il-KEPD jirrakkomanda lill-Kunsill biex iħabbar il-ħtieġa għal viżjoni ċara u fit-tul fil-programm ta' Stokkolma.

32. Rakkomandazzjoni ulterjuri tal-KEPD hija li jiġu evalwati u li jitqiegħdu f'perspettiva l-miżuri li diġà kienu adottati f'dan il-qasam, l-implimentazzjoni konkreta tagħhom u l-effettività tagħhom. Din l-evalwazzjoni għandha tieħu kont dovut tal-ispejjeż għall-privatezza u l-effettività għall-infurzar tal-liġi. Jekk dawn l-evalwazzjonijiet juru li ċerti miżuri ma jagħtux ir-riżultati previsti jew li mhumiex proporzjonati mal-iskopijiet imfittxija, il-passi li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati:

— bħala l-ewwel pass, l-emendar jew it-tħassir tal-miżuri peress li ma jidhrux li huma ġustifikati biżżejjed fil-holqien ta' valur miżjud konkret għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għaċ-ċittadini Ewropej,

— bħala t-tieni pass, il-valutazzjoni tal-possibbiltajiet għat-titjib tal-applikazzjoni tal-miżuri eżistenti,

— bħala t-tielet pass biss, il-proposta ta' miżuri leġislattivi ġodda, anke jekk ikun probabbli li dawn il-miżuri ġodda jkunu meħtieġa għall-iskopijiet maħsuba. Strumenti ġodda għandhom ikunu adottati biss jekk ikollhom valur miżjud ċar u konkret għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għaċ-ċittadini Ewropej.

Il-KEPD jirrakkomanda li ssir referenza għal sistema ta' evalwazzjoni tal-miżuri eżistenti fil-programm ta' Stokkolma.

33. L-aħħar iżda mhux l-anqas, għandha ssir enfasi speċjali fuq l-implimentazzjoni aħjar tas-salvagwardji eżistenti, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tkomplija ta' xogħol fuq il-Programm ta' Ħidma għall-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* [19] u s-suġġerimenti mill-KEPD fl-opinjoni tiegħu dwar dik il-Komunikazzjoni [20]. Sfortunatament, fit-tielet pilastru l-Kummissjoni m'għandhiex il-possibbiltà li tibda proċeduri ta' ksur.

*F'konformità mat-Trattat ta' Lisbona*

34. It-Trattat ta' Lisbona jiftaħ għal qafas komprensiv ġenwin tal-protezzjoni tad-*data*. L-Artikolu 16.2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew jistabbilixxu r-regoli dwar il-protezzjoni mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni, u minn partijiet privati.

35. Il-KEPD jifhem l-enfasi tal-Komunikazzjoni fuq skema komprensiva tal-protezzjoni tad-*data* bħala ambizzjoni tal-Kummissjoni biex tipproponi qafas legali li japplika għall-attivitajiet ta' pproċessar kollha. Huwa japprova bis-sħiħ din l-ambizzjoni, li ttejjeb il-konsistenza tas-sistema, tiżgura ċ-ċertezza legali u permezz ta' dan ittejjeb il-protezzjoni. B'mod partikolari din fil-ġejjieni tista' tevita d-diffikultajiet li tinstab linja diviżorja bejn il-pilastri meta d-*data* miġbura fis-settur privat għal skopijiet kummerċjali tintuża aktar tard għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Din il-linja diviżorja bejn il-pilastri ma tirriflettix kompletament ir-realtà, kif juru sentenzi importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-PNR [21] u ż-żamma d-*data* [22].

36. Il-KEPD jissuġġerixxi li din il-loġika ta' skema komprensiva tal-protezzjoni tad-*data* tiġi enfasizzata fil-programm ta' Stokkolma. Din turi li tali skema mhix sempliċi preferenza iżda ħtieġa dovuta għall-prattiki li qed jinbidlu fl-użu tad-*data*. Huwa jirrakkomanda l-inklużjoni bħala prijorità fil-programm ta' Stokkolma tal-ħtieġa għal qafas leġislattiv ġdid, *inter alia* minflok id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

37. Il-KEPD jissottolinja l-fatt li n-nozzjoni ta' skema komprensiva tal-protezzjoni tad-*data* bbażata fuq qafas legali ġenerali ma teskludix l-adozzjoni ta' regoli addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* għas-settur tal-pulizija u dak ġudizzjarju. Dawk ir-regoli addizzjonali jistgħu jieħdu kont tal-ħtiġiet speċifiċi għall-infurzar tal-liġi, kif previst bid-Dikjarazzjoni 21, mehmuża għat-Trattat ta' Lisbona [23].

### V.2. Referenza mill-ġdid għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data

38. Il-Komunikazzjoni tinnota l-bidliet teknoloġiċi li jittrasformaw il-komunikazzjoni bejn l-individwi u l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati. Skont il-Kummissjoni dan jappella għar-referenza mill-ġdid ta' għadd ta' prinċipji bażiċi tal-protezzjoni tad-*data*.

(19) COM(2007) 87 finali tas-7 ta' Marzu 2007.

(20) Opinjoni tal-25 ta' Lulju 2007, ĠU C 255, 27.10.2007, p. 1, b'mod partikolari l-punt 30

(21) Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2006, Parlament Ewropew v Kunsill tal-Unjoni Ewropea (C-317/04) u Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (C-318/04), każijiet konġunti C-317/04 u C-318/04, Ġabra [2006], P. I-4721.

(22) Sentenza tal-Qorti tal-10 ta' Frar 2009, Irlanda v Parlament Ewropew u Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Każ C-301/06, nyr.

(23) Ara d-Dikjarazzjoni 21 dwar il-protezzjoni tad-*data* personali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, annessa għall-att finali tal-konferenza intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, ĠU C 115 9.5.2008, p. 345.

39. Il-KEPD jilqa' dawn l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni. Evalwazzjoni tal-effettività ta' dawn il-prinċipji fil-perspettiva tal-bidliet teknoloġiċi hija estremament utli. Bħala l-ewwel punt huwa importanti li jiġi nnutat li r-referenza mill-ġdid u r-riaffermazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* mhux dejjem għandhom ikunu relatati direttament mal-iżviluppi teknoloġiċi. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll fid-dawl ta' perspettivi oħrajn, imsemmija fil-Parti III hawn fuq, l-internazzjonalizzazzjoni, l-użu dejjem akbar tad-*data* għall-infurzar tal-liġi u l-moviment liberu.

40. Barra minn hekk, fil-fehma tal-KEPD, din l-evalwazzjoni tista' tkun inkluża fil-konsultazzjoni pubblika li kienet imħabbra mill-Kummissjoni fil-Konferenza "*Data* personali – aktar użu, aktar protezzjoni?" fid-19 u l-20 ta' Mejju 2009. Din il-konsultazzjoni pubblika tista' tagħti input ta' valur ([24]). Il-KEPD jissuġġerixxi li tiġi enfasizzata r-relazzjoni bejn l-intenzjonijiet tal-Komunikazzjoni fil-paragrafu 2.3 u l-konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tal-protezzjoni tad-*data*, mill-Kunsill fit-test tal-programm ta' Stokkolma u mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tagħha dwar il-konsultazzjoni.

41. Bħala illustrazzjoni ta' dak li tali evalwazzjoni tista' tkopri jissemmew il-punti li ġejjin:

— data personali fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (FSJ) li x'aktarx tkun ta' natura partikolarment sensittiva, bħal data relatata ma' kundanni kriminali, *data* tal-pulizija u *data* biometrika bħal marki tas-swaba' u profili tad-DNA,

— l-ipproċessar tagħha jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi għas-suġġetti tad-*data*, speċjalment meta jiġu kkunsidrati s-setgħat kostrinġenti tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, il-monitoraġġ u l-analiżi tad-*data* qegħdin isiru dejjem aktar awtomatizzati, spiss mingħajr intervent uman. It-teknoloġija tippermetti l-użu tal-bażijiet tad-*data b'data* personali għal tiftix ġenerali (estrazzjoni tad-*data*, profilar eċċ). L-obbligi legali li fuqhom huwa bbażat l-ipproċessar tad-*data* għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar,

— wieħed mill-pedamenti tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni ta' *data* huwa li d-*data* personali għandha tinġabar għal għanijiet speċifiċi u m'għandhiex tintuża b'mod li mhux kompatibbli ma' dawk l-iskopijiet. L-użu għal skopijiet inkompatibbli għandu jkun permess biss dment li jkun stabbilit mil-liġi u jkun meħtieġ għal interessi pubbliċi speċifiċi, bħal dawk stabbiliti mill-Artikolu 8.2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR),

— il-ħtieġa għar-rispett tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop jaf ikollha konsegwenzi għal xejriet attwali fl-użu tad-*data*. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jużaw *data* li kienet miġbura minn kumpanniji privati għal skopijiet kummerċjali, fis-settur tat-telekomunikazzjoni, it-trasport u l-finanzi. Barra minn hekk jiġu stabbiliti sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira, per eżempju fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri. Apparti minn hekk, l-interkonnessjonijiet u l-aċċessi għall-bażijiet tad-*data* huma permessi, b'hekk jespandu l-iskopijiet li għalihom id-*data* personali tkun inġabret oriġinarjament. Hija meħtieġa riflessjoni dwar dawn ix-xejriet attwali, inklużi kwalunkwe aġġustamenti u/jew salvagwardji addizzjonali possibbli, fejn meħtieġ,

— minbarra l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* msemmijin fil-Komunikazzjoni, l-evalwazzjoni għandha tagħti attenzjoni għall-ħtieġa għal trasparenza tal-ipproċessar, fejn is-suġġett tad-*data* jitħalla jeżerċita d-drittijiet tiegħu. It-trasparenza hija kwistjoni partikolarment diffiċli fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari peress li t-trasparenza għandha titkejjel bi tqabbil mar-riskji għall-investigazzjonijiet,

— Għandhom jinstabu soluzzjonijiet għall-iskambji ma' pajjiżi terzi.

42. Din l-evalwazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq il-possibbiltajiet għat-titjib tal-effettività tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*. F'dan il-kuntest jista' jkun utli li l-fokus jitpoġġa fuq l-istrumenti li jistgħu jirrinfurzaw ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-*data*. Dawn l-istrumenti għandhom jippermettu r-responsabbiltà sħiħa tal-kontrolluri tad-*data* għall-maniġġar tad-*data*. "Governanza tad-data" hija nozzjoni utli f'dan il-kuntest. Din tkopri l-mezzi legali, tekniċi u organizzattivi kollha li bihom l-organizzazzjonijiet jiżguraw responsabbiltà sħiħa fuq il-mod li bih id-*data* tkun trattata, bħall-ippjanar u l-kontroll, l-użu ta' teknoloġija tajba, it-taħriġ adegwat tal-personal, il-verifiki ta' konformità, eċċ.

### V.3. **Teknoloġiji li jirrispettaw il-privatezza**

43. Il-KEPD huwa kuntent li l-paragrafu 2.3 tal-Komunikazzjoni jsemmi ċ-ċertifikazzjoni tal-privatezza. Apparti minn dan, tista' ssir referenza għall-"privatezza skont il-kunċett" u l-ħtieġa li jiġu identifikati "L-Aqwa Tekniki Disponibbli" konformi mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE.

44. Fil-fehma tal-KEPD, "privacy by design" u teknoloġiji li jirrispettaw il-privatezza jistgħu jkunu għodda ta' għajnuna għal protezzjoni aħjar, kif ukoll għal użu aktar effettiv tal-informazzjoni. Il-KEPD jissuġġerixxi żewġ metodi għal progress, u wieħed ma jeskludix lill-ieħor:

— skema ta' ċertifikazzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* ([25]) bħala alternattiva għal min joħloq u juża s-sistemi ta' informazzjoni, kemm jekk appoġġati mill-finanzjament tal-UE jew mil-leġislazzjoni tal-UE, kemm jekk le,

([24]) Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li fih jipparteċipa l-KEPD, iddeċieda li jaħdem b'mod intensiv fuq il-kontribut tiegħu għal din il-konsultazzjoni pubblika.

([25]) Eżempju ta' sistema bħal din hija s-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EuroPriSe).

— obbligu legali għal min joħloq u juża s-sistemi ta' informazzjoni li juża sistemi li huma konformi mal-prinċipju tal-"privacy by design". Dan jaf jirrikjedi l-estensjoni tal-ambitu attwali tal-liġi tal-protezzjoni tad-*data* biex min joħloq is-sistemi tal-informazzjoni jkun responsabbli għall-iżvilupp tagħhom ([26]).

Il-KEPD jissuġġerixxi li dawn iż-żewġ metodi għal progress jissemmew fil-Programm ta' Stokkolma.

### V.4. **Aspetti esterni**

45. Suġġett ieħor imsemmi fil-Komunikazzjoni huwa l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-istandards internazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*. Attwalment qegħdin isiru bosta attivitajiet bil-ħsieb tal-istabbiliment ta' standards fattibbli għall-applikazzjoni globali, per eżempju mill-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Privatezza u l-Protezzjoni tad-*Data*. Fil-futur qrib, dan jista' jwassal għal ftehim internazzjonali. Il-KEPD jissuġġerixxi li l-Programm ta' Stokkolma jappoġġa dawn l-attivitajiet.

46. Il-Komunikazzjoni ssemmi wkoll il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali, ibbażati fuq il-progress li diġà sar flimkien mal-Istati Uniti. Il-KEPD jikkondividi l-ħtieġa għal qafas legali ċar għat-trasferiment tad-*data* lejn pajjiżi terzi, u b'hekk laqa' l-ħidma konġunta tal-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Uniti fil-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli dwar strument transatlantiku possibbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li talab għal aktar ċarezza u attenzjoni għal kwistjonijiet speċifiċi ([27]). F'din il-perspettiva, huwa interessanti wkoll li jiġu nnutati l-ideat fir-Rapport tal-Affarijiet Interni għal Żona Ewro-Atlantika ta' kooperazzjoni fil-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja li dwarha, skont dan ir-rapport, l-UE għandha tiddeċiedi sal-2014. Tali żona ma tkunx possibbli mingħajr garanziji adegwati dwar il-protezzjoni tad-*data*.

47. Skont il-KEPD, l-istandards Ewropej għall-protezzjoni tad-*data*, ibbażati fuq il-Kunsill tal-Konvenzjoni Ewropea 108 għall-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar awtomatiku tad-*data* personali ([28]) u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, għandhom jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni fi ftehim ġenerali mal-Istati Uniti dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-iskambju tad-*data*. Tali ftehim ġenerali jista' jkun il-bażi ta' arranġamenti speċifiċi għall-iskambju tad-*data* personali. Dan huwa saħansitra aktar importanti fid-dawl tal-intenzjoni fformulata fil-paragrafu 4.2.1 tal-Komunikazzjoni li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija kull fejn ikun meħtieġ.

48. Il-KEPD jifhem kompletament il-ħtieġa li tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali, f'xi każijiet anke ma' pajjiżi li ma jipproteġux id-drittijiet fundamentali. Madankollu ([29]) huwa kruċjali li jittieħed kont tal-fatt li din il-kooperazzjoni internazzjonali x'aktarx tiġġenera żieda kbira fil-ġbir u t-trasferiment internazzjonali tad-*data*. Għalhekk, huwa essenzjali li l-prinċipji ta' pproċessar ġust u skont il-liġi – kif ukoll il-prinċipji ta' proċess adegwat in ġenerali – japplikaw ukoll għall-ġbir u t-trasferiment ta' *data* personali minn naħa għal oħra tal-fruntieri tal-Unjoni, u li d-*data* personali tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali biss jekk livell adegwat ta' protezzjoni jew salvagwardji adegwati jiġu ggarantiti minn dawk il-pajjiżi terzi kkonċernati.

49. Bħala konklużjoni, il-KEPD jirrakkomanda li fil-programm ta' Stokkolma tiġi enfasizzata l-importanza ta' ftehimiet ġenerali mal-Istati Uniti u ma' pajjiżi terzi oħrajn dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-iskambju tad-*data*, abbażi tal-livell ta' protezzjoni ggarantita fit-territorju tal-UE. F'perspettiva aktar ġenerali, il-KEPD jinnota l-importanza ta' promozzjoni attiva tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari tal-protezzjoni tad-*data*, b'rabta mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali ([30]). Barra minn hekk, il-programm ta' Stokkolma jista' jsemmi n-nozzjoni ġenerali li l-iskambju tad-*data* personali mal-pajjiżi terzi jirrikjedi livell adegwat ta' protezzjoni jew salvagwardji adegwati oħrajn f'dawk il-pajjiżi terzi.

## VI. L-UŻU TAL-INFORMAZZJONI

### VI.1. **Lejn mudell Ewropew ta' Informazzjoni**

50. Skambju aħjar tal-informazzjoni huwa għan ta' politika essenzjali għall-Unjoni Ewropea, fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-paragrafu 4.1.2 tal-Komunikazzjoni jenfasizza l-fatt li s-sigurtà fl-Unjoni Ewropea tiddependi fuq mekkaniżmi ta' prestazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi Ewropej oħrajn. Din l-enfasi fuq skambju tal-informazzjoni hija loġika, fin-nuqqas ta' forza tal-pulizija Ewropea, sistema ta' ġustizzja kriminali

([26]) L-utenti tal-informazzjoni, kif ukoll il-kontrolluri tad-*data* u dawk li jipproċessaw, huma koperti mil-liġi tal-protezzjoni tad-*data*.

([27]) Ara l-Opinjoni tal-KEPD tal-11 ta' Novembru 2008 dwar ir-Rapport Finali mill-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli UE-Stati Uniti dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-protezzjoni tal-privatezza u ta' *data* personali, ĠU L 128, 6.6.2009, p. 1.

([28]) ETS Nru 108, 28.1.1981.

([29]) Ara l-Ittra tal-KEPD tat-28 ta' Novembru 2005 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja disponibbli fis-sit elettroniku tal-KEPD.

([30]) Il-każistika reċenti dwar il-listi tat-terroristi tikkonferma li huma meħtieġa garanziji – anke fir-relazzjonijiet man-Nazzjonijiet Uniti – sabiex jiġi żgurat li l-miżuri kontra t-terroriżmu jikkonformaw mal-istandards tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali (Każijiet konġunti C-402/05 P u C-415/05 P, Kadi and Al Barakaat Foundation v. Kunsill, sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, nyr).

Ewropea u kontroll tal-fruntieri Ewropej. Għaldaqstant il-miżuri relatati mal-informazzjoni huma kontributi essenzjali tal-Unjoni Ewropea li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jindirizzaw il-kriminalità transkonfini b'mod effettiv u biex jipproteġu l-konfini esterni. Madankollu, huma mhux biss jikkontribwixxu għas-sigurtà taċ-ċittadini iżda anke għal-libertà tagħhom – il-moviment liberu tal-persuni ssemma qabel bħala perspettiva ta' din l-opinjoni – u għall-ġustizzja.

51. Huwa preċiżament għal dawn ir-raġunijiet li l-prinċipju tad-disponibbiltà kien introdott fil-Programm tal-Aja. Dan jinvolvi l-fatt li l-informazzjoni meħtieġa għall-ġlieda kontra l-kriminalità għandha taqsam il-fruntieri interni tal-UE mingħajr xkiel. Esperjenzi reċenti juru li kien diffiċli li dan il-prinċipju jiġi implimentat fil-miżuri leġislattivi. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni skont il-prinċipju ta' disponibbiltà tat-12 ta' Ottubru 2005 ([31]) ma kinitx aċċettata fil-Kunsill. L-Istati Membri ma kinux lesti jaċċettaw il-konsegwenzi tal-prinċipju tad-disponibbiltà fl-intier tiegħu. Minflok, kienu adottati strumenti aktar limitati ([32]) bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ("Deċiżjoni ta' Prüm") ([33]).

52. Filwaqt li l-prinċipju tad-disponibbiltà kien fil-qalba tal-programm tal-Aja, il-Kummissjoni issa tidher li qed tieħu approċċ aktar modest. Hija tipprevedi li tkompli tistimula l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri billi tintroduċi l-mudell Ewropew ta' informazzjoni. Il-Presidenza Svediża tal-UE hija tal-istess fehma ([34]). Hija ser tippreżenta proposta għal strateġija għall-iskambju ta' informazzjoni. Il-Kunsill diġà beda l-ħidma tiegħu dwar dan il-proġett ambizzjuż ta' Strateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Maniġġar tal-Informazzjoni, li hija relatata mill-qrib mal-mudell Ewropew ta' informazzjoni. Il-KEPD jinnota dawn l-iżviluppi bl-akbar interess u jissottolinja l-attenzjoni li għandha tingħata f'dawn il-proġetti għall-elementi tal-protezzjoni tad-*data*.

*Mudell Ewropew ta' informazzjoni u protezzjoni tad-data*

53. Bħala punt tat-tluq, għandu jkun enfasizzat li l-ġejjieni taż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja m'għandux jiddependi mit-teknoloġija, fis-sens li l-opportunitajiet kważi llimitati offruti mit-teknoloġiji ġodda dejjem għandhom ikunu vverifikati ma' prinċipji ta' protezzjoni tad-*data* rilevanti u jkunu użati biss dment li jikkonformaw ma' dawk il-prinċipji.

([31]) COM(2005) 490 finali.

([32]) Fil-perspettiva tad-disponibbiltà, id-Deċiżjoni ta' Prüm fiha dispożizzjonijiet ambizzjużi għall-użu tad-*data* biometrika (DNA u marki tas-swaba).

([33]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

([34]) Ara l-Programm ta' Ħidma tal-Gvernijiet tal-UE msemmi fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna 23.

54. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni tippreżenta l-mudell ta' informazzjoni mhux biss bħala mudell tekniku: kapaċità ta' analiżi strateġika qawwija u ġbir u pproċessar aħjar tal-informazzjoni operattiva. Huwa jirrikonoxxi wkoll li l-aspetti relatati mal-politika – bħall-kriterji għall-ġbir, il-kondiviżjoni u l-ipproċessar tal-informazzjoni – għandhom jitqiesu filwaqt li tinżamm konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*.

55. It-teknoloġija tal-informazzjoni u l-kondizzjonijiet legali huma – u ser jibqgħu – it-tnejn li huma essenzjali. Il-KEPD jilqa' l-Komunikazzjoni li tibda mill-preżunzjoni li l-mudell Ewropew ta' informazzjoni ma jistax jiġi interpretat abbażi ta' konsiderazzjonijiet tekniċi. Huwa essenzjali li l-informazzjoni tinġabar, tkun kondiviża u pproċessata biss abbażi tal-ħtiġiet konkreti għas-sigurtà u b'kont meħud tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*. Il-KEPD jiddeskrivi wkoll bis-sħiħ il-ħtieġa għad-definizzjoni ta' mekkaniżmu ta' segwitu li jippermetti l-evalwazzjoni ta' kif jiffunzjona l-iskambju ta' informazzjoni. Huwa jissuġġerixxi li l-Kunsill ikompli jelabora dawn l-elementi fil-Programm ta' Stokkolma.

56. F'dan il-kuntest, il-KEPD jissottolinja l-fatt li l-protezzjoni tad-*data*, li timmira għall-protezzjoni taċ-ċittadin, m'għandhiex titqies bħala li tfixkel il-maniġġar effettiv tad-*data*. Hija tipprovdi għodod importanti għat-titjib tal-ħżin, l-aċċess u l-iskambju ta' informazzjoni. Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* li jkun infurmat dwar liema informazzjoni li tikkonċernah hija pproċessata u li jemenda informazzjoni skorretta jistgħu jsaħħu wkoll l-eżattezza tad-*data* fis-sistemi tal-maniġġar tad-*data*.

57. Il-liġi tal-protezzjoni tad-*data* għandha, essenzjalment, il-konsegwenzi li ġejjin: jekk id-*data* tkun meħtieġa għal skop speċifiku u leġittimu, tista' tinżamm; jekk ma tkunx meħtieġa għal skop iddefinit sew, id-*data* personali ma tistax tinżamm. Fl-ewwel każ, jistgħu jittieħdu wkoll miżuri addizzjonali biex jiġu pprovduti salvagwardji adegwati.

58. Madankollu l-KEPD ma jaqbilx ma' kemm il-Komunikazzjoni ssemmi l-"identifikazzjoni ta' ħtiġiet futuri" bħala parti mill-mudell ta' informazzjoni. Huwa jenfasizza wkoll li fil-ġejjieni l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop għandu jkun ta' gwida meta jinħolqu sistemi ta' informazzjoni ([35]). Dan huwa wieħed mill-garanziji essenzjali li s-sistema tal-protezzjoni tad-*data* tagħti liċ-ċittadin: huwa għandu jkun jista' jkun jaf minn qabel għal liema skop qed tinġabar *data* relatata miegħu, u li din ser tintuża biss għal dak l-iskop, partikolarment fil-ġejjieni. Din il-garanzija hija stabbilita wkoll fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop jippermetti xi eċċezzjonijiet – li huma partikolarment rilevanti fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – iżda dawk l-eċċezzjonijiet m'għandhomx jiddeterminaw il-kostruzzjoni ta' sistema.

([35]) Ara l-punt 41 hawn fuq.

*L-għażla tal-arkitettura t-tajba*

59. L-għażla tal-arkitettura t-tajba għall-iskambju ta' informazzjoni hija l-bidu ta' kollox. L-importanza ta' arkitetturi ta' informazzjoni adegwati hija rikonoxxuta fil-Komunikazzjoni (paragrafu 4.1.3) iżda sfortunatament biss b'rabta mal-interoperabbiltà.

60. Il-KEPD jenfasizza aspett ieħor: fil-mudell Ewropew ta' informazzjoni, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* għandhom ikunu parti integrali ta' żvilupp tas-sistema kollha u m'għandhomx jitqiesu biss bħala kondizzjoni meħtieġa għal-legalità ta' sistema ([36]). Għandu jsir użu mill-kunċetti ta' "privacy by design" u l-ħtieġa li jiġu identifikati l-"Aqwa Tekniki Disponibbli" ([37]), kif introdotti fil-punt 43 hawn fuq. Il-mudell Ewropew ta' informazzjoni għandu jkun mibni fuq dawn il-kunċetti. Dan ifisser, b'mod aktar konkret, li s-sistemi ta' informazzjoni li huma ddisinjati għal skopijiet ta' sigurtà pubblika dejjem għandhom ikunu mibnija skont il-prinċipju ta' "Privacy by design". Il-KEPD jirrakkomanda lill-Kunsill jinkludi dawn l-elementi fil-Programm ta' Stokkolma.

*Interoperabbiltà tas-sistemi*

61. Il-KEPD jissottolinja li l-interoperabbiltà mhix kwistjoni purament teknika iżda għandha wkoll konsegwenzi għall-protezzjoni taċ-ċittadin, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data*. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, l-interoperabbiltà tas-sistemi, jekk magħmula kif suppost, għandha vantaġġi ċari fl-evitar tal-ħżin doppju. Madankollu huwa ovvju wkoll li l-fatt li l-aċċess għad-*data* jew l-iskambju tagħha jsir teknikament fattibbli, f'bosta każijiet, ifisser spinta għal aċċess jew skambju "de facto" ta' din id-*data*. Fi kliem ieħor, l-interoperabbiltà għandha riskji partikolari ta' interkonnessjoni bejn il-bażijiet tad-*data* bi skopijiet differenti ([38]). Hija tista' taffettwa l-limitazzjonijiet stretti tal-iskop tal-bażijiet tad-*data*.

62. Fil-qosor, is-sempliċi fatt li huwa teknikament possibbli li tiġi skambjata informazzjoni diġitali bejn il-bażijiet tad-*data* interoperabbli, jew li dawn il-bażijiet tad-*data* jingħaqdu, ma jiġġustifikax eċċezzjoni għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. L-interoperabbiltà għandha, f'każijiet konkreti, tkun ibbażata fuq għażliet ta' politika ċari u attenti. Il-KEPD jissuġġerixxi li din in-nozzjoni tiġi speċifikata fil-Programm ta' Stokkolma.

([36]) Ara l-"Linji gwida u l-kriterji għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tat-Teknoloġiji ta' Sigurtà li Jtejbu l-Privatezza" żviluppati fil-proġett PRISE (http://www.prise.oeaw.ac.at).

([37]) L-Aqwa Tekniki Disponibbli għandhom ifissru l-istadju l-aktar effettiv u avvanzat fl-iżvilupp tal-attivitajiet u l-metodi ta' operazzjoni tagħhom li jindikaw l-adattabbiltà prattika ta' tekniki partikolari biex fil-prinċipju tiġi pprovduta l-bażi għall-applikazzjonijiet u s-sistemi SIT biex ikunu konformi mar-rekwiżit tal-privatezza, il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà fil-qafas regolatorju tal-UE.

([38]) Ara wkoll il-Kummenti tal-KEPD dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data Ewropej, 10 ta' Marzu 2006, disponibbli fi http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2006/06-03-10_Interoperability_EN.pdf

## VI.2. **L-użu tal-informazzjoni miġbura għal skopijiet oħrajn**

63. Il-Komunikazzjoni ma tindirizzax espliċitament waħda mill-aktar tendenzi importanti tas-snin reċenti, jiġifieri l-użu, għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, ta' *data* miġbura fis-settur privat għal skopijiet kummerċjali. Din it-tendenza ma tirrelatax biss mad-*data* tat-traffiku tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u d-*data* tal-passiġġieri ta' individwi li jtiru lejn (ċerti) pajjiżi terzi ([39]), iżda tiffoka wkoll fuq is-settur finanzjarju. Eżempju wieħed huwa d-Direttiva 2005/60 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ([40]). Eżempju ieħor magħruf sew u diskuss ferm jikkonċerna l-ipproċessar tad-*data* personali mis-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT) ([41]) tad-*data* li hija meħtieġa għall-iskop tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu tad-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti.

64. Il-KEPD jikkunsidra li dawn it-tendenzi jeħtieġu attenzjoni speċifika fil-Programm ta' Stokkolma. Huma jistgħu jitqiesu bħala derogi mill-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop u spiss jinvadu l-privatezza peress li l-użu ta' din id-*data* jista' jikxef ħafna affarijiet dwar l-imġiba tal-individwi. F'kull każ fejn tali miżuri huma proposti, għandu jkun hemm evidenza qawwija ferm li tali miżura intrużiva hija meħtieġa. Jekk tingħata din l-evidenza, għandu jkun żgurat li d-drittijiet tal-individwi jkunu kompletament salvagwardjati.

65. Skont il-KEPD, l-użu għall-infurzar tal-liġi tad-*data* personali miġbura għal skopijiet kummerċjali għandha tkun permessa biss taħt kondizzjonijiet stretti, bħal:

— Id-data għandha tintuża biss għal skopijiet speċifikament iddefiniti bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu jew il-kriminalità serja, li għandhom ikunu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ,

— Id-data hija trasferita permezz ta' sistema "imbotta" aktar milli "iġbed" ([42]),

([39]) Ara pereżempju l-punt 15 hawn fuq.

([40]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

([41]) Ara l-Opinjoni 10/2006 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali mis-Soċjetà għat-telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT).

([42]) Taħt is-sistema "imbotta", il-kontrollur tad-*data* jibgħat id-*data* fuq talba ("jimbotta") lill-aġenzija tal-infurzar tal-liġi. Taħt is-sistema "iġbed", l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi għandha aċċess għall-bażi tad-*data* tal-kontrollur u toħroġ ("tiġbed") informazzjoni minn din il-bażi tad-*data*. Taħt is-sistema "iġbed", il-kontrollur isib aktar diffikultajiet biex jerġa' jassumi r-responsabbiltà tiegħu.

— It-talbiet għad-*data* għandhom ikunu proporzjonati, restrittivament immirati u fil-prinċipju bbażati fuq suspetti fuq persuni speċifiċi,

— Ir-riċerki ta' rutina, l-estrazzjoni tad-*data* u l-profilar għandhom ikunu evitati,

— L-użu kollu tad-*data* għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għandu jkun illoggjat sabiex jippermetti kontroll effettiv fuq l-użu, mis-suġġett tad-*data* li jeżerċita d-drittijiet tiegħu, mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u mill-ġudikatura.

### VI.3. **Sistemi ta' informazzjoni u korpi tal-UE**

*Sistemi ta' informazzjoni b'ħażna ċentralizzata jew mingħajrha* ([43])

66. Matul l-aħħar snin, l-għadd ta' sistemi ta' informazzjoni bbażati fuq il-liġi tal-UE kiber sinifikament fiż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Xi kultant isiru deċiżjonijiet biex tiġi stabbilita sistema li tinvolvi ħażna ċentralizzata ta' *data* fil-livell Ewropew, f'każijiet oħrajn il-liġi tipprevedi biss l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen hija probabbilment l-aħjar eżempju ta' sistema b'ħażna ċentralizzata. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI (id-deċiżjoni Prüm) ([44]) hija mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data* l-aktar eżempju sinifikanti ta' sistema mingħajr ħażna ċentralizzata peress li hija tipprevedi skambju massiv ta' *data* bijometrika bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

67. Il-Komunikazzjoni turi li din it-tendenza li jinħolqu sistemi ġodda ser tkompli. L-ewwel eżempju, meħud mill-paragrafu 4.2.2 huwa sistema ta' informazzjoni li tespandi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) biex tkopri ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE. Il-Kummissjoni diġà kkummissjonat studju dwar l-Indiċi Ewropew għal Ċittadini Kkundannati ta' Pajjiżi Terzi (EICTCN), li possibbilment iwassal għal bażi tad-*data* ċentralizzata. It-tieni eżempju huwa l-iskambju ta' informazzjoni ta' individwi f'reġistri ta' insolvenza fi Stati Membri oħrajn, fil-qafas tal-Ġustizzja elettronika (il-paragrafu 3.4.1 tal-Komunikazzjoni) mingħajr ħażna ċentralizzata.

68. Sistema deċentralizzata għandu jkollha ċerti vantaġġi mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*. Hija tevita ħażna doppja ta' *data* mill-awtorità tal-Istat Membru u mis-sistema ċentralizzata, ir-responsabbiltà għad-*data* hija ċara peress li l-awtorità tal-Istat Membru ser tkun il-kontrollur, u l-kontroll mill-ġudikatura u mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jista' jseħħ f'livell ta' Stati Membri. Iżda din is-sistema għandha wkoll dgħjufijiet meta tiġi skambjata d-*data* ma' ġurisdizzjonijiet oħrajn, per eżempju biex ikun żgurat li l-informazzjoni tinżamm aġġornata kemm fil-pajjiż ta' oriġini kif ukoll fil-pajjiż destinatarju u kif ikun żgurat kontroll effettiv fiż-żewġ naħat. Huwa ferm aktar ikkumplikat li tkun żgurata r-responsabbiltà għas-sistema teknika għall-iskambju. Dawn id-dgħjufijiet jistgħu jintgħelbu billi tintagħżel sistema ċentralizzata b'responsabbiltà għall-korpi Ewropej għall-anqas għal partijiet tas-sistema (bħall-infrastruttura teknika).

69. F'dan il-kuntest, għandu jkun utli li jkunu żviluppati kriterji sostantivi għall-għażla bejn sistemi ċentralizzati u deċentralizzati, fejn ikunu żgurati għażliet ta' politika ċari u bir-reqqa f'każijiet konkreti. Dawn il-kriterji jistgħu jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-sistemi nfushom, kif ukoll għall-protezzjoni tad-*data* taċ-ċittadin. Il-KEPD jissuġġerixxi li, fil-Programm ta' Stokkolma, tkun inkluża l-intenzjoni li jiġu żviluppati tali kriterji.

*Sistemi ta' Informazzjoni fuq skala kbira*

70. Il-paragrafu 4.2.3.2 tal-Komunikazzjoni jiddiskuti fil-qosor il-futur tas-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira b'enfasi fuq is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

71. Il-paragrafu 4.2.3.2 isemmi wkoll l-istabbiliment ta' sistema elettronika tad-dħul u l-ħruġ mit-territorju tal-Istati Membri flimkien ma' programmi ta' vjaġġaturi rreġistrati. Din is-sistema tħabbret aktar kmieni mill-Kummissjoni bħala parti mill-"pakkett dwar il-fruntieri" fuq l-inizjattiva tal-Viċi-President Frattini ([45]). Fil-kummenti preliminari tiegħu ([46]), il-KEPD kien kritiku mhux ħażin dwar din il-proposta peress li l-ħtieġa għal tali sistema ta' ndħil, flimkien mas-sistemi eżistenti fuq skala kbira ma ntwerietx b'mod suffiċjenti. Il-KEPD ma jinnota l-ebda evidenza addizzjonali tal-ħtieġa għal tali sistema u għaldaqstant jissuġġerixxi lill-Kunsill biex din l-idea ma tissemmiex fil-programm ta' Stokkolma.

72. F'dan il-kuntest, il-KEPD jixtieq jirreferi għall-opinjonijiet tiegħu dwar diversi inizjattivi fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni tal-UE ([47]) fejn huwa għamel suġġerimenti u kummenti numerużi dwar l-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-użu tal-bażijiet tad-*data* kbar fil-livell al-UE. Fost kwistjonijiet oħrajn, huwa ta attenzjoni partikolari lill-ħtieġa għal salvagwardji b'saħħithom u mfasslin apposta li għandhom ikunu stabbiliti kif ukoll il-proporzjonalità u

([43]) F'dan il-kuntest b'ħażna ċentralizzata wieħed jifhem ħażna f'livell ċentrali Ewropew, filwaqt li ħażna deċentralizzata tfisser ħażna fil-livell tal-Istati Membri.

([44]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 33.

([45]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' linji ta' politika tal-UE fiż-żona tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja – COM(2008) 69, 28.6.2008 "It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea", 13.2.2008.

([46]) Kummenti preliminari tal-KEPD dwar tliet Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri (COM(2008) 69, COM(2008) 68 u COM(2008) 67), it-3 ta' Marzu 2008. http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2008/08-03-03_Comments_border_package_EN.pdf

([47]) B'mod partikolari: l-Opinjoni tat-23 ta' Marzu 2005 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal terminu qasir ĠU C 181, 23.7.2005, p. 13, u l-Opinjoni tad-19 ta' Ottubru 2005 dwar tliet Proposti rigward is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II), ĠU C 91, 19.4.2006, p. 38.

l-ħtieġa ta' valutazzjonijiet tal-impatt qabel tiġi proposta jew meħuda kwalunkwe miżura f'dan il-qasam. Il-KEPD kien dejjem favur bilanċ ġust u konformi mal-protezzjoni tad-*data* bejn ir-rekwiżiti ta' sigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza ta' individwi soġġetti għas-sistemi. Huwa ħa l-istess pożizzjoni meta aġixxa bħala l-kontrollur tal-partijiet ċentrali tas-sistemi.

73. Barra minn hekk, il-KEPD jieħu din l-opportunità biex jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ konsistenti għall-iskambju ta' informazzjoni tal-UE b'mod sħiħ, f'termini ta' konsistenza legali, teknika u ta' sorveljanza bejn is-sistemi diġà stabbiliti u dawk li qed jiġu żviluppati. Fil-fatt, illum il-ġurnata, aktar minn qabel, hemm ħtieġa ċara għal viżjoni kuraġġuża u komprensiva dwar kif għandhom jidhru l-iskambju ta' informazzjoni tal-UE u s-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira tal-futur. Huwa biss fuq il-bażi ta' viżjoni bħal din li sistema elettronika tad-dħul u l-ħruġ mit-territorju tal-Istati Membri tkun tista' possibbilment tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

74. Il-KEPD jissuġġerixxi li fil-Programm ta' Stokkolma ssir referenza għall-intenzjoni li tiġi żviluppata viżjoni bħal din, li għandha tinkludi riflessjoni dwar id-dħul fis-seħħ possibbli tat-Trattat ta' Lisbona u l-implikazzjonijiet tiegħu fuq is-sistemi bbażati fuq bażi legali tal-ewwel u t-tielet pilastru.

75. Fl-aħħarnett, il-Komunikazzjoni ssemmi l-istabbiliment ta' aġenzija ġdida li skont il-Komunikazzjoni għandha wkoll issir kompetenti għas-sistema elettronika tad-dħul u l-ħruġ. Sadattant, il-Kummissjoni adottat proposta għall-istabbiliment ta' tali aġenzija ([48]). Il-KEPD jappoġġa din il-proposta fil-prinċipju peress li l-funzjonament ta' dawn is-sistemi, inkluża l-protezzjoni tad-*data* jista' jsir aktar effettiv. Huwa ser jippreżenta opinjoni dwar din il-proposta fiż-żmien dovut.

*Europol u Eurojust*

76. Ir-rwol tal-Europol huwa msemmi f'diversi postijiet fil-Komunikazzjoni li, bħala kwistjoni ta' prijorità, tenfasizza li l-Europol għandu jkollu rwol ċentrali fil-koordinazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni, u t-taħriġ ta' professjonisti. Fl-istess ħin, il-paragrafu 4.2.2 tal-Komunikazzjoni jirreferi għat-tibdil reċenti fil-qafas legali ta' kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Europol u jħabbar li ser titkompla l-ħidma dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, b'mod partikolari fir-rigward tal-investigazzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità organizzata transkonfinali. Il-KEPD jappoġġa b'mod sħiħ dawn l-objettivi, dment li jkunu rrispettati b'mod adatt is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data*.

77. F'dan il-kuntest, il-KEPD jilqa' l-abbozz il-ġdid tal-ftehim li ntlaħaq riċentement bejn l-Europol u l-Eurojust ([49]), li jimmira lejn it-titjib u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni reċiproka bejn iż-żewġ korpi u li jipprevedi skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejniethom. Din hija ħidma li fiha, il-protezzjoni tad-*data* b'mod effiċjenti u effettiv, għandha rwol kruċjali.

### VI.4. **L-użu ta' data bijometrika**

78. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tindirizzax il-kwistjoni tal-użu dejjem jiżdied ta' *data* bijometrika fi strumenti legali differenti tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu tal-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-istrumenti li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira. Dan huwa ta' dispjaċir meta wieħed jikkunsidra li hija kwistjoni ta' importanza u sensittività partikolari mill-perspettivi tal-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza.

79. Għalkemm il-KEPD jirrikonoxxi l-vantaġġi ġenerali tal-użu ta' bijometriċi, huwa ilu jisħaq konstantament dwar l-impatti maġġuri tal-użu ta' tali *data* fuq id-drittijiet tal-individwi u ilu jissuġġerixxi li jiddaħħlu salvagwardji stretti għall-użu ta' bijometriċi f'kull sistema partikolari. Is-sentenza reċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'*S. and Marper v ir-Renju Unit* ([50]) tipprovdi indikazzjonijiet utli f'dan il-kuntest, b'mod partikolari dwar il-ġustifikazzjoni u l-limiti tal-użu ta' *data* bijometrika. B'mod partikolari l-użu ta' informazzjoni dwar id-DNA tista' tikxef informazzjoni sensittiva dwar individwi, kif ukoll tqis li l-possibbiltajiet tekniċi tal-ksib ta' informazzjoni mid-DNA għadhom qed jikbru. Fil-każ tal-użu fuq skala kbira ta' *data* bijometrika f'sistemi ta' informazzjoni, hemm ukoll problema minħabba ineżattezzi inerenti fil-ġbir u t-tqabbil ta' *data* bijometrika. Għal dawn ir-raġunijiet, il-leġislatur tal-UE għandu juri moderazzjoni bl-użu ta' din id-*data*.

80. Kwistjoni oħra rikorrenti fi snin reċenti kienet l-użu tal-marki tas-swaba tat-tfal u l-anzjani, minħabba l-imperfezzjonijiet inerenti tas-sistemi bijometriċi għal dawk il-gruppi ta' età. Il-KEPD talab studju profond sabiex tiġi identifikata sewwa l-eżattezza tas-sistemi ([51]). Huwa pproppona limitu ta' età ta' 14-il sena għat-tfal, dment li dan l-istudju ma jipprevedix mod ieħor. Il-KEPD jirrakkomanda li din il-kwistjoni tissemma' fil-Programm ta' Stokkolma.

([48]) Proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2009 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-EURODAC u sistemi oħrajn tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja (COM(2009) 293/2).

([49]) L-abbozz tal-ftehim, approvat mill-Kunsill, u li għad irid jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet. Ara r-reġistru tal-Kunsill: http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/09/st10/st10019.en09.pdf http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/09/st10/st10107.mt09.pdf

([50]) Applikazzjoni konġunta 30562/04 u 30566/04, S. and Marper v. ir-Renju Unit, sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, QEDB nyr.

([51]) L-Opinjoni tas-26 ta' Marzu 2008 dwar il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri, ĠU C 200, 6.8.2008, p. 1.

81. Madankollu, il-KEPD jissuġġerixxi li jkun utli li jiġu żviluppati kriterji għall-użu ta' *data* bijometrika. Dawk il-kriterji għandhom jiżguraw li d-*data* tintuża biss meta jkun meħtieġ, adegwat u proporzjonat, u meta l-leġislatur wera' skop espliċitu, speċifiku u leġittimu. Biex wieħed ikun aktar speċifiku, id-*data* bijometrika u b'mod partikolari d-*data* dwar id-DNA m'għandhiex tintuża jekk l-istess effett jista' jintlaħaq bl-użu ta' informazzjoni oħra, inqas sensittiva.

## VII. AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-ĠUSTIZZJA ELETTRONIKA

82. It-teknoloġija ser tintuża wkoll bħala għodda għall-kooperazzjoni ġudizzjarja aħjar. Fil-paragrafu 3.4.1 tal-Komunikazzjoni, il-Ġustizzja elettronika hija ppreżentata bħala li tipprovdi liċ-ċittadini aċċess aktar faċli għall-ġustizzja. Hija tikkonsisti f'portal b'informazzjoni u vidjokonferenzi bħala parti mill-proċedura legali. Hija tkompli tiftaħ għal proċeduri legali *online* u tipprevedi l-interkonnessjoni ta' reġistri nazzjonali, bħar-reġistri ta' insolvenza. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma ssemmix inizjattivi ġodda dwar il-Ġustizzja elettronika iżda tikkonsolida l-azzjonijiet li diġà jeżistu. Il-KEPD huwa involut f'xi wħud minn dawn l-azzjonijiet, bħala segwitu tal-Opinjoni li huwa ta fid-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lejn Strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika ([52]).

83. Il-Ġustizzja elettronika hija proġett ambizzjuż li jeħtieġ appoġġ sħiħ. Huwa jista' jtejjeb b'mod effettiv is-sistema tal-ġustizzja fl-Ewropa u l-protezzjoni ġudizzjarja taċ-ċittadin. Dan huwa pass sinifikanti 'l quddiem lejn Żona Ewropea tal-Ġustizzja. B'kont meħud ta' dan l-apprezzament pożittiv, jistgħu jsiru xi rimarki:

— Is-sistemi teknoloġiċi għall-Ġustizzja elettronika għandhom jinbnew f'konformità mal-prinċipju ta' "Privacy by design". Kif intqal qabel, f'relazzjoni mal-mudell ta' informazzjoni Ewropew, l-għażla tal-arkitettura t-tajba hija l-bidu ta' kollox,

— L-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi għandhom jirrispettaw il-prinċipju tallimitazzjoni tal-iskop,

— Għandhom jiġu definiti b'mod preċiż ir-responsabbiltajiet tal-atturi differenti,

— Il-konsegwenzi għall-individwi tal-interkonnessjoni ta' reġistri nazzjonali mad-*data* personali delikata, bħar-reġistri ta' insolvenza, għandhom jiġu analizzati minn qabel.

## VIII. KONKLUŻJONIJIET

84. Il-KEPD japprova l-enfasi fil-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data* personali, bħala waħda mill-kwistjonijiet prinċipali tal-ġejjieni taż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-fehma tal-KEPD, il-Komunikazzjoni b'mod ġust tippromwovi bilanċ bejn il-ħtieġa għal strumenti adatti biex ikunu garantiti s-sigurtà taċ-ċittadin u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Huwa jirrikonoxxi li għandha tingħata aktar enfasi lill-protezzjoni tad-*data* personali.

85. Il-KEPD jappoġġa bis-sħiħ il-paragrafu 2.3 tal-Komunikazzjoni li tappella għal skema komprensiva għall-protezzjoni tad-*data* li tkopri l-oqsma kollha tal-kompetenza tal-UE, indipendentement mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. F'dan il-kuntest, huwa jirrakkomanda:

— li titħabbar il-ħtieġa għal viżjoni ċara u fit-tul dwar tali skema komprensiva, fil-programm ta' Stokkolma,

— li jiġu evalwati l-miżuri li diġà kienu adottati f'dan il-qasam, l-implimentazzjoni konkreta tagħhom u l-effettività tagħhom, b'kont meħud tal-ispejjeż għall-privatezza u l-effettività għall-infurzar tal-liġi,

— li bħala prijorità fil-programm ta' Stokkolma tiġi inkluża l-ħtieġa għal qafas leġislattiv ġdid, *inter alia* minflok id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

86. Il-KEPD jilqa' l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni li tirriafferma l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, li għandhom ikunu konnessi mal-konsultazzjoni pubblika mħabbra mill-Kummissjoni fil-Konferenza "Data personali — aktar użu, aktar protezzjoni?" fid-19 u l-20 ta' Mejju 2009. Fis-sustanza, il-KEPD jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop bħala pedament tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, u li jsir iffokar fuq il-possibbiltajiet għat-titjib tal-effettività tal-applikazzjoni tal-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-*data*, bi strumenti li jistgħu jirrinfurzaw ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-*data*.

87. "Privacy by design" u teknoloġiji li jirrispettaw il-privatezza, jistgħu jiġu promossi bi:

— skema ta' ċertifikazzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* bħala alternattiva għal min joħloq u juża s-sistemi ta' informazzjoni,

— obbligu legali għal min joħloq u juża s-sistemi ta' informazzjoni li juża sistemi li huma konformi mal-prinċipju tal-"privacy by design".

88. Fir-rigward tal-aspetti esterni tal-protezzjoni tad-*data*, il-KEPD jirrakkomanda:

— li fil-programm ta' Stokkolma tiġi enfasizzata l-importanza ta' ftehimiet ġenerali mal-Istati Uniti u ma' pajjiżi terzi oħrajn dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-iskambju tad-*data*,

([52]) L-Opinjoni tal-KEPD tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lejn Strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika, ĠU C 128, 6.6.2009, p. 13

— li ssir promozzjoni attiva tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari tal-protezzjoni tad-*data*, b'rabta mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— li fil-programm ta' Stokkolma jissemma' li l-iskambju tad-*data* personali mal-pajjiżi terzi jirrikjedi livell adegwat ta' protezzjoni jew salvagwardji adegwati oħrajn f'dawk il-pajjiżi terzi.

89. Il-KEPD jinnota b'interess kbir l-iżviluppi lejn Strateġija tal-Unjoni Ewropea dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni u mudell ta' informazzjoni Ewropew u jissottolinja l-attenzjoni li għandha tingħata f'dawn il-proġetti lill-elementi tal-protezzjoni tad-*data*, li għandhom ikunu aktar elaborati fil-programm ta' Stokkolma. L-arkitettura għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq "privacy by design" u l-"Aqwa Tekniki Disponibbli".

90. Il-fatt biss li huwa teknikament possibbli li tiġi skambjata informazzjoni diġitali bejn il-bażijiet tad-*data* interoperabbli jew li dawn il-bażijiet tad-*data* jingħaqdu ma jiġġustifikax eċċezzjoni għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. L-interoperabbiltà għandha, f'każijiet konkreti, tkun ibbażata fuq għażliet ta' politika ċari u b'għaqal. Il-KEPD jissuġġerixxi li din in-nozzjoni tiġi speċifikata fil-Programm ta' Stokkolma.

91. Skont il-KEPD, l-użu għall-infurzar tal-liġi tad-*data* personali miġbura għal skopijiet kummerċjali għandha tkun permessa biss taħt kondizzjonijiet stretti, speċifikati fil-punt 65 ta' din l-opinjoni.

92. Suġġerimenti oħrajn dwar l-użu tal-informazzjoni personali jinkludu:

— l-iżvilupp ta' kriterji sostantivi għall-għażla bejn sistemi ċentralizzati u deċentralizzati, u tiġi inkluża l-intenzjoni li jiġu żviluppati tali kriterji fil-Programm ta' Stokkolma,

— l-istabbiliment ta' sistema elettronika tad-dħul u l-ħruġ mit-territorju tal-Istati Membri flimkien ma' programmi ta' vjaġġaturi rreġistrati m'għandhiex tissemma fil-programm ta' Stokkolma,

— l-appoġġ għat-tisħiħ tal-Europol u l-Eurojust u għall-ftehim ġdid elaborat riċentement bejn l-Europol u l-Eurojust,

— l-iżvilupp ta' kriterji sostantivi għall-użu ta' *data* bijometrika, li jiżguraw li d-*data* tintuża biss meta jkun meħtieġ, adegwat u proporzjonat, u meta l-leġislatur wera skop espliċitu, speċifiku u leġittimu. Id-*data* dwar id-DNA m'għandhiex tintuża jekk l-istess effett jista' jintlaħaq bl-użu ta' informazzjoni oħra, inqas sensittiva.

93. Il-KEPD jappoġġa l-Ġustizzja elettronika u għamel xi rimarki dwar kif jittejjeb il-proġett (ara l-punt 83).

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2009

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*